IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2024
COM(2024) 264 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, id-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

Il-kontenut tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

Preambolu

L-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-firmatarji l-oħra tagħha,

Filwaqt li jikkunsidraw li l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa hu li tinkiseb unità akbar bejn il-membri tiegħu, abbażi b'mod partikolari tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

Filwaqt li jirrikonoxxu l-valur li jrawmu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għal din il-Konvenzjoni u li jestendu din il-kooperazzjoni għal Stati oħra li għandhom l-istess valuri;

Filwaqt li konxji mill-iżviluppi mgħaġġlin fix-xjenza u fit-teknoloġija u mill-bidliet profondi li saru bl-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, li għandhom il-potenzjal li jippromwovu l-prosperità tal-bniedem kif ukoll il-benesseri individwali u soċjetali, l-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, kif ukoll għanijiet u interessi importanti oħra, billi jtejbu l-progress u l-innovazzjoni;

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jistgħu jiftħu opportunitajiet bla preċedent għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

Filwaqt li mħassbin li ċerti attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jistgħu jimminaw id-dinjità tal-bniedem u l-awtonomija individwali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

Filwaqt li mħassbin dwar ir-riskji tad-diskriminazzjoni fil-kuntesti diġitali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, u l-effett potenzjali tagħhom li joħolqu jew jaggravaw l-inugwaljanzi, inkluż dawk li jġarrbu n-nisa u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, fir-rigward tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u tal-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u effettiva tagħhom fl-affarijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u politiċi;

Filwaqt li mħassbin dwar l-użu ħażin tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u filwaqt li qed jopponu l-użu ta' dawn is-sistemi għal finijiet repressivi bi ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' prattiki ta' sorveljanza u ta' ċensura arbitrarji jew illegali li jdgħajfu l-privatezza u l-awtonomija individwali;

Filwaqt li konxji mill-fatt li d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma intrinsikament minsuġa flimkien;

Filwaqt li konvinti mill-bżonn li bħala kwistjoni ta' prijorità jitwaqqaf qafas legali applikabbli globalment li jistabbilixxi prinċipji u regoli ġenerali komuni li jirregolaw l-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u li effettivament iħares il-valuri komuni u jaħtaf il-benefiċċji tal-intelliġenza artifiċjali għall-promozzjoni ta' dawn il-valuri b'mod li jwassal għal innovazzjoni responsabbli;

Filwaqt li jirrikonoxxu l-bżonn li jiġu promossi l-litteriżmu diġitali, l-għarfien, u l-fiduċja fit-tfassil, fl-iżvilupp, fl-użu u fid-dekummissjonar tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali;

Filwaqt li jirrikonoxxu n-natura tal-qafas ta' din il-Konvenzjoni, li tista' tiġi ssupplimentata bi strumenti oħra li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali;

Filwaqt li jenfasizzaw li din il-Konvenzjoni hija maħsuba biex tegħleb ċerti sfidi speċifiċi li jinħolqu tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u biex tħeġġeġ il-

kunsiderazzjoni tar-riskji u l-impatti usa' relatati ma' dawn it-teknoloġiji fosthom, iżda mhux biss, is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u aspetti soċjoekonomiċi, bħall-impjiegi u d-dinja tax-xogħol;

Filwaqt li jinnotaw l-isforzi rilevanti minn organizzazzjonijiet u fora internazzjonali u supranazzjonali oħra biex imexxu 'l quddiem il-fehim u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-intelliġenza artifiċjali;

Filwaqt li konxji mill-istrumenti internazzjonali applikabbli tad-drittijiet internazzjonali, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, il-Konvenzjoni tal-1950 għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5), il-Patt Internazzjonali tal-1966 dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali tal-1966 dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 (ETS Nru 35), kif ukoll il-protokolli rispettivi tagħhom, u l-Karta Soċjali Ewropea tal-1996 (Riveduta) (ETS Nru 163);

Konxji wkoll mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

Konxji wkoll mid-drittijiet tal-privatezza tal-persuni u tal-protezzjoni tad-*data* personali, kif applikabbli u mogħtija pereżempju mill-Konvenzjoni tal-1981 għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-*Data* Personali (ETS Nru 108) u l-protokolli tagħha;

Filwaqt li jaffermaw l-impenn tal-Partijiet li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u jrawmu l-affidabbiltà tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali permezz ta' din il-Konvenzjoni,

Ftiehmu kif ġej:

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1 – Suġġett u għan

(1) Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom l-għan li jiżguraw li l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jkunu konsistenti għalkollox mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt.

(2) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri leġiżlattivi, amministrattivi jew oħra xierqa biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-Konvenzjoni. Dawn il-miżuri għandhom ikunu gradwati u differenzjati kif jista' jkun meħtieġ fid-dawl tas-severità u l-probabbiltà tal-okkorrenza ta' impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn jistgħu jinkludu miżuri speċifiċi jew orizzontali li japplikaw irrispettivament mit-tip tat-teknoloġija użata.

(3) Biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet, din il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' segwitu u tipprevedi l-kooperazzjoni internazzjonali.

Artikolu 2 – Definizzjoni ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, "sistema tal-intelliġenza artifiċjali" tfisser sistema bbażata fuq il-magni li għal objettivi espliċiti jew impliċiti, mill-input li tirċievi tiddeduċi kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li

jistgħu jinfluwenzaw l-ambjenti fiżiċi jew virtwali. Sistemi tal-intelliġenza artifiċjali differenti jvarjaw fejn jidħol il-livelli ta' awtonomija u ta' adattabbiltà tagħhom wara l-varar.

Artikolu 3 – Kamp ta' applikazzjoni

(1) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jkopri l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali li jkollhom il-potenzjal jinterferixxu mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt kif ġej:

(a) Kull Parti għandha tapplika din il-Konvenzjoni għall-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi, jew minn atturi privati li jaġixxu f'isimhom.

(b) Kull Parti għandha tindirizza r-riskji u l-impatti li joħolqu l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali minn atturi privati sal-punt mhux kopert fis-subparagrafu (a) b'mod li jikkonforma mal-għan u l-fini ta' din il-Konvenzjoni.

Kull Parti għandha tispeċifika f'dikjarazzjoni ppreżentata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni tagħha, kif beħsiebha timplimenta dan l-obbligu: billi tapplika l-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa VI ta' din il-Konvenzjoni għall-attivitajiet tal-atturi privati jew billi tieħu miżuri xierqa oħra biex tissodisfa l-obbligu stabbilit f'dan is-subparagrafu. Il-Partijiet jistgħu, fi kwalunkwe ħin u bl-istess mod, jemendaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Meta timplimenta l-obbligu skont dan is-subparagrafu, Parti ma tistax tidderoga minn jew tillimita l-applikazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħha li tkun ħadet biex tħares id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

(2) Parti ma għandhiex tkun meħtieġa tapplika din il-Konvenzjoni għall-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali relatati mal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali tagħha, bil-fehim li dawk l-attivitajiet jitwettqu b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali applikabbli, inkluż l-obbligi tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u b'rispett għall-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tagħha.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 u għall-Artikolu 25, il-paragrafu 2, din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għall-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp rigward is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali li jkun għadhom ma sarux disponibbli għall-użu, sakemm l-ittestjar jew attivitajiet simili ma jitwettqux b'tali mod li jkollhom il-potenzjal li jinterferixxu mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt.

(4) Il-kwistjonijiet relatati mad-difiża nazzjonali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Kapitolu II – Obbligi ġenerali

Artikolu 4 – Protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura li l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jkunu konsistenti mal-obbligi li jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, kif minqux fid-dritt internazzjonali applikabbli u fid-dritt domestiku tagħha.

Artikolu 5 – Integrità tal-proċessi demokratiċi u rispett għall-istat tad-dritt

(1) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri maħsuba biex jiżguraw li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ma jintużawx biex jimminaw l-integrità, l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi, inkluż il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat, ir-rispett għall-indipendenza ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja.

(2) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri maħsuba biex jipproteġu l-proċessi demokratiċi tagħha fil-kuntest tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż l-aċċess ġust tan-nies għad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni fih, kif ukoll l-abbiltà libera tagħhom li jsawru opinjonijiet.

Kapitolu III – Prinċipji relatati mal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali

Artikolu 6 – Approċċ ġenerali

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi prinċipji komuni ġenerali li kull Parti għandha timplimenta fir-rigward tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'mod xieraq għas-sistema legali domestika tagħha u għall-obbligi l-oħra ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7 – Dinjità tal-bniedem u awtonomija individwali

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tirrispetta d-dinjità tal-bniedem u l-awtonomija individwali fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 8 – Trasparenza u sorveljanza

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ rekwiżiti adegwati ta' trasparenza u ta' sorveljanza mfassla għall-kuntesti u r-riskji speċifiċi fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-kontenut iġġenerat mis-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 9 – Akkontabbiltà u responsabbiltà

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura l-akkontabbiltà u r-responsabbiltà għall-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt li jħallu l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 10 – Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

(1) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura li l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jirrispettaw l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, kif previst fid-dritt internazzjonali u domestiku applikabbli.

(2) Kull Parti timpenja ruħha li tadotta jew iżżomm miżuri maħsuba biex jixxejnu l-inugwaljanzi biex jinkisbu eżiti ġusti, ugwali u ekwi, bi qbil mal-obbligi domestiċi u internazzjonali applikabbli tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem, fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

*Artikolu 11 – Privatezza u protezzjoni tad-*data *personali*

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex, fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, tiżgura:

(a) il-protezzjoni tad-drittijiet għall-privatezza tal-individwi u tad-*data* personali tagħhom, inkluż bil-liġijiet, l-istandards u l-oqfsa domestiċi u internazzjonali applikabbli; u

(b) it-twaqqif ta' garanziji u salvagwardji effettivi għall-individwi, f'konformità mal-obbligi legali domestiċi u internazzjonali applikabbli.

Artikolu 12 – Affidabbiltà

Kull Parti għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tippromwovi l-affidabbiltà tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u l-fiduċja fl-eżiti tagħhom, li jistgħu jinkludu rekwiżiti għal kwalità u sigurtà adegwati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 13 – Innovazzjoni sikura

Bil-ħsieb li trawwem l-innovazzjoni filwaqt li tevita l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kull Parti qed tintalab tippermetti, kif xieraq, l-istabbiliment ta' ambjenti kkontrollati għall-iżvilupp, l-esperimentazzjoni u l-ittestjar ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali bis-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tagħha.

Kapitolu IV – Rimedji

Artikolu 14 – Rimedji

(1) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri, sa fejn ir-rimedji jkunu meħtieġa mill-obbligi internazzjonali tagħha u b'mod konsistenti mas-sistema legali domestika tagħha, biex tiżgura d-disponibbiltà ta' rimedji aċċessibbli u effettivi għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jikkaġunaw l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

(2) Bl-għan li tappoġġa l-paragrafu 1 ta' hawn fuq, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri fosthom:

(a) miżuri li jiżguraw id-dokumentazjoni tal-informazzjoni rilevanti dwar is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali li għandhom il-potenzjal li jaffettwaw b'mod sinifikanti d-drittijiet tal-bniedem u l-użu rilevanti tagħhom, u li din tingħata lill-korpi awtorizzati biex jaċċessawha u, meta xieraq u applikabbli, tkun disponibbli għall-persuni affettwati jew tiġi kkomunikata lilhom;

(b) miżuri li jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) tkun biżżejjed biex il-persuni affettwati jikkontestaw id-deċiżjoni(jiet) li jittieħdu jew ibbażata sostanzjalment mill-użu tas-sistema, u, meta rilevanti u xieraq, mill-użu tas-sistema nnifisha; u

(c) possibbiltà effettiva għall-persuni kkonċernati li jressqu lment lill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 15 – Salvagwardji proċedurali

(1) Kull Parti għandha tiżgura li, meta sistema tal-intelliġenza artifiċjali tħalli impatt sinifikanti fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, il-persuni affettwati minn dan ikollhom disponibbli garanziji, salvagwardji u drittijiet proċedurali effettivi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u domestiku applikabbli.

(2) Kull Parti għandha taħdem biex tiżgura li, skont kif ikun xieraq fil-kuntest, il-persuni li jinteraġixxu mas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jiġu notifikati li qed jinteraġixxu ma' dawn is-sistemi minflok ma' bniedem.

Kapitolu V – Valutazzjoni u mitigazzjoni tar-riskji u tal-impatti negattivi

Artikolu 16 – Qafas ta' ġestjoni tar-riskji u tal-impatt

(1) Filwaqt li tqis il-prinċipji stabbiliti fil-Kapitolu III, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jidentifikaw, jivvalutaw, jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji li joħolqu s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali billi tqis l-impatti reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

(2) Dawk il-miżuri għandhom ikunu gradwati u differenzjati kif xieraq, u jkunu:

(a) iqisu kif xieraq il-kuntest u l-użu maħsub tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, b'mod partikolari fejn jidħlu r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija, u għall-istat tad-dritt;

(b) iqisu kif xieraq is-severità u l-probabbiltà tal-impatti potenzjali;

(c) jikkunsidraw, meta xieraq, il-perspettivi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-persuni li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu affettwati;

(d) japplikaw b'mod iterattiv tul l-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema tal-intelliġenza artifiċjali;

(e) jinkludu monitoraġġ tar-riskji u tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

(f) jinkludu dokumentazzjoni tar-riskji, tal-impatti reali u potenzjali, u tal-approċċ tal-ġestjoni tar-riskji; u

(g) jeżiġu, meta xieraq, l-ittestjar tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali qabel ma jagħmluhom disponibbli għall-ewwel użu u meta jiġu modifikati b'mod sinifikanti;

(3) Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jistinkaw biex jiżguraw li jindirizzaw b'mod adegwat l-impatti negattivi tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt. Dawn l-impatti negattivi u l-miżuri li jindirizzawhom għandhom jiġu ddokumentati u jservu ta' tagħrif għall-miżuri rilevanti tal-ġestjoni tar-riskji deskritti fil-paragrafu 2.

(4) Kull Parti għandha tivvaluta l-ħtieġa ta' moratorju jew projbizzjoni jew ta' miżuri xierqa oħra fir-rigward ta' ċerti użi tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali meta jkun jidhrilha li dawk l-użi jkunu inkompatibbli mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, mal-funzjonament tad-demokrazija jew mal-istat tad-dritt.

Kapitolu VI – Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni

Artikolu 17 – Nondiskriminazzjoni

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni mill-Partijiet għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Artikolu 18 – Drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tat-tfal

F'konformità mad-dritt domestiku tagħha u mal-obbligi internazzjonali applikabbli, kull Parti għandha tqis kif xieraq kull ħtieġa u vulnerabbiltà speċifiċi fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tat-tfal.

Artikolu 19 – Konsultazzjoni pubblika

Kull Parti għandha tistinka biex tiżgura li l-kwistjonijiet importanti li jinħolqu b'rabta mas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jiġu ikkunsidrati kif xieraq b'dibattiti pubbliċi u b'konsultazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi, legali, etiċi, ambjentali u implikazzjonijiet rilevanti oħra.

Artikolu 20 – Litteriżmu u ħiliet diġitali

Kull Parti għandha tħeġġeġ u tippromwovi l-litteriżmu diġitali u l-ħiliet diġitali adegwati għas-segmenti kollha tal-popolazzjoni, inkluż ħiliet esperti speċifiċi għal dawk responsabbli biex jidentifikaw, jivvalutaw, jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji li joħolqu s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 21 – Salvagwardja għad-drittijiet tal-bniedem eżistenti

Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jiġi interpretat li jillimita, li jidderoga minn jew li jaffettwa b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-bniedem jew xi drittijiet u obbligi legali relatati oħra li jistgħu jiġu ggarantiti skont il-liġijiet rilevanti ta' Parti jew xi ftehim internazzjonali rilevanti ieħor li għalih hija parti.

Artikolu 22 – Protezzjoni akbar

L-ebda dispożizzjoni f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata bħala dispożizzjoni li tillimita jew li taffettwa b'xi mod ieħor il-possibbiltà għal Parti li tipprovdi miżura ta' protezzjoni akbar minn dik stipulata f'din il-Konvenzjoni.

Kapitolu VII – Mekkaniżmu ta' segwitu u kooperazzjoni

Artikolu 23 – Konferenza tal-Partijiet

(1) Il-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun magħmula mir-rappreżentanti tal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni.

(2) Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw minn żmien għal żmien:

a) biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi ta' din il-Konvenzjoni, inkluż l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe problema u l-effetti ta' xi riżerva li ssir skont l-Artikolu 34, il-paragrafu 1, jew ta' xi dikjarazzjoni li ssir skont din il-Konvenzjoni;

b) biex jikkunsidraw is-supplimentazzjoni jew l-emendar possibbli ta' din il-Konvenzjoni;

c) jikkunsidraw xi materji u jagħmlu rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni;

d) jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni dwar żviluppi legali, ta' politika jew teknoloġiċi sinifikanti ta' rilevanza, inkluż fl-insegwiment tal-objettivi definiti fl-Artikolu 25, għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni;

e) jiffaċilitaw, meta meħtieġ, ir-riżoluzzjoni bonarja ta' tilwim relatat mal-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni; u

f) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar aspetti pertinenti tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, inkluż b'seduti pubbliċi, meta xieraq.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet għandu jlaqqagħha s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa kull meta jkun meħtieġ u, fi kwalunkwe każ, meta l-maġġoranza tal-Partijiet jew il-Kumitat tal-Ministri jitolbu l-konvokazzjoni tagħha.

(4) Il-Konferenza tal-Partijiet għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha stess b'kunsens fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni.

(5) Il-Partijiet għandhom jiġu assistiti mis-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ewropa fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont dan l-Artikolu.

(6) Il-Konferenza tal-Partijiet tista' tipproponi modi xierqa lill-Kumitat tal-Ministri biex jinvolvi l-għarfien espert rilevanti b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva ta' din il-Konvenzjoni.

(7) Kull Parti li ma tkunx membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Konferenza tal-Partijiet. Il-kontribuzzjoni ta' min mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tiġi stabbilita b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Ministri u minn dak li mhux membru.

(8) Il-Konferenza tal-Partijiet tista' tiddeċiedi li tillimita l-parteċipazzjoni f'ħidmitha ta' xi Parti li ma tkunx għadha membru tal-Kunsill tal-Ewropa skont l-Artikolu 8 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 1), meta dik tkun wettqet xi ksur serju tal-Artikolu 3 tal-Istatut. Bl-istess mod, jistgħu jittieħdu miżuri fir-rigward ta' kwalunkwe Parti li ma tkunx Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ministri li twaqqaf ir-relazzjonijiet tagħha ma' dak l-Istat għal raġunijiet simili għal dawk imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Istatut.

Artikolu 24 – Obbligu tar-rappurtar

(1) Kull Parti għandha tipprovdi rapport lill-Konferenza tal-Partijiet fl-ewwel sentejn minn meta ssir Parti, u mbagħad perjodikament bid-dettalji tal-attivitajiet li twettaq biex tagħti effett lill-Artikolu 3, il-paragrafu 1, is-subparagrafi (a) u (b).

(2) Il-Konferenza tal-Partijiet għandha tiddetermina l-format u l-proċess tar-rapport f'konformità mar-regoli ta' proċedura tagħha.

Artikolu 25 – Kooperazzjoni internazzjonali

(1) Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fit-twettiq tal-għan ta' din il-Konvenzjoni. Il-Partijiet huma mħeġġa wkoll, kif xieraq, biex jassistu lill-Istati li mhumiex Partijiet

għal din il-Konvenzjoni biex jaġixxu b'mod konsistenti mat-termini ta' din il-Konvenzjoni u jsiru Parti għaliha.

(2) Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, jiskambjaw informazzjoni rilevanti u utli bejniethom dwar aspetti relatati mal-intelliġenza artifiċjali li jista' jkollhom effetti pożittivi jew negattivi sinifikanti fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, il-funzjonament tad-demokrazija u l-osservanza tal-istat tad-dritt, inkluż ir-riskji u l-effetti li jinħolqu f'kuntesti ta' riċerka u fir-rigward tas-settur privat. F'dawn l-iskambji tal-informazzjoni, il-Partijiet huma mħeġġa jinvolvu, kif xieraq, lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u lill-Istati li mhumiex Partijiet għal din il-Konvenzjoni.

(3) Il-Partijiet huma mħeġġa jsaħħu l-kooperazzjoni, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti meta xieraq, biex jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji u l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-kuntest tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali.

Artikolu 26 – Mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza

(1) Kull Parti għandha tistabbilixxi jew tiddeżinja mekkaniżmu effettiv wieħed jew aktar biex tissorvelja l-konformità mal-obbligi f'din il-Konvenzjoni.

(2) Kull Parti għandha tiżgura li dawk il-mekkaniżmi jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom b'mod indipendenti u imparzjali u li jkollhom is-setgħat, l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti tagħhom tas-sorveljanza tal-konformità mal-obbligi f'din il-Konvenzjoni, kif mogħtija effett mill-Partijiet.

(3) Jekk Parti tkun ipprevediet aktar minn mekkaniżmu wieħed bħal dan, għandha tieħu miżuri, meta prattikabbli, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni effettiva bejniethom.

(4) Jekk Parti tkun ipprevediet mekkaniżmi differenti mill-istrutturi eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem, din għandha tieħu miżuri, meta prattikabbli, biex tippromwovi l-kooperazzjoni effettiva bejn il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 u dawk l-istrutturi domestiċi eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem.

Kapitolu VIII – Klawżoli finali

Artikolu 27 – Effetti tal-Konvenzjoni

(1) Jekk żewġ Partijiet jew aktar ikunu diġà kkonkludew ftehim jew trattat dwar il-materji ttrattati f'din il-Konvenzjoni, jew inkella jkunu stabbilew relazzjonijiet dwar materji bħal dawn, dawn għandhom ikunu intitolati wkoll li japplikaw dak il-ftehim jew it-trattat jew li jirregolaw dawk ir-relazzjonijiet kif xieraq, diment li jagħmlu dan b'mod li ma jkunx inkonsistenti mal-għan u l-fini ta' din il-Konvenzjoni.

(2) Il-Partijiet li huma membri tal-Unjoni Ewropea għandhom, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, japplikaw ir-regoli tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw il-materji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni mingħajr preġudizzju għall-għan u l-fini ta' din il-Konvenzjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tagħha ma' Partijiet oħra. L-istess japplika għall-Partijiet l-oħra sal-punt li huma marbuta b'dawk ir-regoli.

Artikolu 28 – Emendi

(1) L-emendi ta’ din il-Konvenzjoni jistgħu jiġu proposti minn xi waħda mill-Partijiet, mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jew mill-Konferenza tal-Partijiet.

(2) Kull proposta għal emenda għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(3) Kull emenda proposta minn xi Parti jew mill-Kumitat tal-Ministri għandha tintbagħat lill-Konferenza tal-Partijiet, li min-naħa tagħha għandha tippreżenta l-opinjoni tagħha dwar l-emenda proposta lill-Kumitat tal-Ministri.

(4) Il-Kumitat tal-Ministri għandu jikkunsidra l-emenda proposta u l-opinjoni ppreżentata mill-Konferenza tal-Partijiet u jista’ japprova l-emenda.

(5) It-test ta’ kull emenda approvata mill-Kumitat tal-Ministri f’konformità mal-paragrafu 4 għandu jintbagħat lill-Partijiet għall-aċċettazzjoni.

(6) Kull emenda approvata f’konformità mal-paragrafu 4 għandha tidħol fis-seħħ fit-30 jum wara dak meta l-Partijiet kollha jkunu infurmaw lis-Segretarju Ġenerali li aċċettawha.

Artikolu 29 – Riżoluzzjoni tat-tilwim

Fil-każ ta’ tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni, dawn il-Partijiet għandhom jistinkaw favur riżoluzzjoni tat-tilwima permezz ta’ negozjati jew ta’ xi mezz paċifiku ieħor tal-għażla tagħhom, inkluż permezz tal-Konferenza tal-Partijiet, kif previst fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2, is-subparagrafu (e).

Artikolu 30 – Iffirmar u dħul fis-seħħ

(1) Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, mill-Istati li mhumiex membri u li pparteċipaw fl-abbozzar tagħha, u mill-Unjoni Ewropea.

(2) Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni. L-istrumenti tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(3) Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta’ wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data li fiha ħames firmatarji, fosthom mill-inqas tliet Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu ddikjaraw il-kunsens tagħhom li jintrabtu b’din il-Konvenzjoni f’konformità mal-paragrafu 2.

(4) Fir-rigward ta’ xi firmatarji li sussegwentement jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu biha, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta’ wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tad-depożitar tal-istrument ta’ ratifika, ta’ aċċettazzjoni jew ta’ approvazzjoni tagħhom.

Artikolu 31 – Adeżjoni

(1) Wara d-dħul fis-seħħ ta’ din il-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista’, wara konsultazzjoni mal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni u wara li jkun kiseb il-kunsens unanimu tagħhom, jistieden lil xi Stat li mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa u li ma jkunx ipparteċipa fl-elaborazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni, biex jaderixxi ma’ din il-Konvenzjoni, b’deċiżjoni meħuda bil-maġġoranza prevista

fl-Artikolu 20(d) tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet intitolati li jkunu fil-Kumitat tal-Ministri.

(2) Għal kull Stat aderenti, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tad-depożitar tal-istrument ta' adeżjoni għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 32 – Applikazzjoni territorjali

(1) Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, waqt l-iffirmar jew id-depożitar tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni tagħhom, jispeċifikaw it-territorju jew it-territorji li għalihom għandha tapplika din il-Konvenzjoni.

(2) B'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, kwalunkwe Parti tista', f'xi data aktar tard, testendi l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għal xi territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-territorju, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tal-wasla tad-dikjarazzjoni għand is-Segretarju Ġenerali.

(3) Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat f'dik id-dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tal-wasla tan-notifika għand is-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 33 – Klawżola federali

(1) Stat federali jista' jirriżerva d-dritt li jassumi obbligi skont din il-Konvenzjoni b'mod konsistenti mal-prinċipji fundamentali tiegħu li jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-gvern ċentrali tiegħu u l-istati kostitwenti tiegħu jew entitajiet territorjali simili oħra, diment li din il-Konvenzjoni tkun tapplika għall-gvern ċentrali tal-Istat federali.

(2) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, li l-applikazzjoni tagħhom taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-istati kostitwenti jew ta' entitajiet territorjali simili oħra li mhumiex obbligati mis-sistema kostituzzjonali tal-federazzjoni li jieħdu miżuri leġiżlattivi, il-gvern federali għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-istati dwar id-dispożizzjonijiet imsemmija u l-opinjoni favorevoli tiegħu, u jħeġġiġhom jieħdu azzjoni xierqa biex jingħataw effett.

Artikolu 34 – Riżervi

(1) B'notifika bil-miktub indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, kwalunkwe Stat jista', waqt l-iffirmar jew id-depożitar tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni tiegħu, jiddikjara li qed juża r-riżerva prevista fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1.

(2) L-ebda riżerva oħra ma tista' ssir fir-rigward ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 35 – Denunzja

(1) Kull Parti tista', fi kwalunkwe mument, tiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(2) Dik id-denunzja għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tal-wasla tan-notifika għand is-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 36 – Notifikar

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati li mhumiex membri li pparteċipaw fl-abbozzar ta' din il-Konvenzjoni, lill-Unjoni Ewropea, lil kull firmatarju, lil kull Stat kontraenti, lill kull Parti u lil kull Stat ieħor li jkun ġie mistieden jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni, dwar:

(a) kwalunkwe firma;

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni;

(c) kwalunkwe data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 30, il-paragrafi 3 u 4 u mal-Artikolu 31, il-paragrafu 2;

(d) kwalunkwe emenda adottata f'konformità mal-Artikolu 28 u d-data meta dik l-emenda tidħol fis-seħħ;

(e) kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (b);

(f) kwalunkwe riżerva u irtirar ta' riżerva li jkunu saru skont l-Artikolu 34;

(g) kwalunkwe denunzja li tkun saret skont l-Artikolu 35;

(h) kwalunkwe att, dikjarazzjoni, notifika jew komunikazzjoni oħra relatati ma' din il-Konvenzjoni.

B'xhieda ta' dan, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati kif xieraq biex jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmul fi [post], nhar ... jum tax-xahar ta' ... 202[4], bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi awtentiċi indaqs, f'kopja waħdanija li trid tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji ċċertifikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati li mhumiex membri u li pparteċipaw fl-abbozzar ta' din il-Konvenzjoni, lill-Unjoni Ewropea u lil kull Stat li ġie mistieden jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni